**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 122/19/B

Mary Aquilina
Vs
Cutajar Limited

Illum, 11 ta' Jannar, 2021

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fl-10 ta' Settembru, 2019 li permezz tieghu ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal tikkundanna lill-initmati sabiex ihallsu is-somma ta' mitejn u disgha u erbghin Euro (€ 249) li jirraprezentaw refuzjoni tal-prezz mhallas ghal washing washing li allegatament ma kienetx qed tahdem tajjeb.

Ra illi l-intimati wiegbu permess ta' risposta datata 18 ta' Novembru 2019 li permezz taghha cahdu t-talba tar-rikorrent stante li l-washing machine kienet qed tahdem normalment

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi mill-fatti tal-kaz jidher illi l-pern tal-kaz odjern huwa jekk l-washing machine tal-marka 'Ocean' mixtrija mir-rikorreni minghand is-socjeta intimata kienetx difettuza o meno.

Illi r-rikorrenti ma xehditx fl-atti tan dawn il-proceduri pero xehed ir-ragel taghha, Bertu Aquilina li spejga ili l-roblema kienet tirrigwarda l-programm ta' siegha [60 minute wash] li skont hu l-washing machine kienet qed taqbez parti mill-programm u ghalhekk il-programm ma kienx komplut u dan peress li qed tahseb u mhux tlahlah. Huwa kkonferma illi kellem lis-socjeta' intimata li batu rapprezentant darbtejn darba ghamel ftit minuti u darba ohra kien ghamel siegha Ossija mill-bidu sal-ahhar tal-programm.

Illi minn naha tieghu xehed Matthew Cutajar raprezentant tas-socjeta intimata li spejga li l-magna in kwistjoni kienet qed tahdem tajjeb u dan peress li fuq 60 minute wash l-magna tlahlah il-hwejjeg darba u mhux darbtejn kif allegat mir-rikorrenti. Xhud spejga li l-ewwel darba li mar it- technician huwa kien ghamel il-quick wash ta' 15 il-minuta u filfatt il-programm spiccatu. It-tieni darba rega mar u ghamel siegha ossija l-programm ta' 60 minute wash u dan tlesta ukoll.

Illi xehed bil-gurament Darren Farrugia, t-technician li mar jzur l-post tar-rikorrenti. Huwa spejga illi meta mar t-tieni darba huma kienu tefghu l-hasla u taw l-programm ta' 60 minutes. Huwa beda jiehu l-hin u jikteb il-magna x'kienet qed taghmel liema dokument gie ezebit bhala Dok 'DF1'. Huwa kkonferma li l-magna ghamlet tlahlieha Wahda u jghid li meta kkompara dan r-rizultat ma machine washine ohra huwa wasal ghal-istess rizultat. Huwa qal li ma nnutax jekk l-hwejjeg kellhomx sapun jew le. Huwa spejga ukol illi 60 minute wash tlahliha Wahda bissa tista issir ghax kieku taghmel zewg tlahlihiet l-magna taqbez iz-zmien ta' 60 minutes.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota illi dan il-pern tal-kaz huwa jekk il-washing machine tal-ghamla Ocean kienetx qed tahdem tajjeb jew le meta taghmel 60 minute wash. Skont it-tezi tar-rikorrenti din kellha taghmel zewg tlahlihiet u mhux wahda tant illi hija tilmenta li l-hwejjeg kienu qed johorgu bis-sapun. Illi ghat-Tribunal hemm zewg fatturi (a) il-washine machine ma tiffunzjonax tajjeb jew (b) is-sapun, il-kwantita jew kwalita'.

Illi quddiem dan it-Tribunal gew mressqa il-provi rigward il-washing machine u jidher mix-xhieda tat-technician illi l-magna qed tahdem kif suppost. Dan qed jinghad peress li s-socjeta' intimata ghamlet ezercizzju mar-rikorrenti li osservaw il-magna flimkien ghal hasla shiha ta' 60 minutes u gew prezentanti bhala Dok DA 1. Illi dan id-dokument huwa accetat miz-zewg partijiet u ghalhekk f'programm ta' 60 minutes f'temperatura ta' 50 degrees u 400 spin l-hasla gie kompletata fi zmien indikat ossija 60 minutes.

Ghalhekk fic-cirkustanzi, it-Tribunal iqis illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda u dan stante illi jirrizulta li l-washing machine qed tahdem tajjeb. Illi ma jistax ikun dan li qed jigi allegat mir-rikorrenti li l-halsa f'60 minute wash taghmel zewg tlahliet u dan peress li f'siegha l-magna tista taghmel biss tlahliha wahda, b'hekk qed tlesti l-program ta' 60 minutes kif suppost.

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu minn kull parti skont l-ispejjez li hija ghamlet.

Avv. Paul Borg
Arbitru